32004R2092

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2092/2004

tat-8 ta' Diċembru 2004

li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni għal kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' ċanga mnixxfa bla għadam li ġejja mill-Iżvizzera

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli [2] (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") li ġie approvat f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, l-Euratom taħseb għal importazzjonijiet bla tariffi ta' kwantità ta' 1 200 tunnellata kull sena għal-laħam tal-annimali tal-ifrat, imnixxef, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 0210 20 90.

(2) Minħabba l-kriżi tal-BSE il-partijiet iddikjaraw fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-settur tal-laħam, inkluż fl-Att Finali tal-Ftehim [3] li, b'eċċezzjoni, għandha tinfetaħ mill-Komunità kwota annwali awtonoma għal 700 tunnellata użin nett ta' ċanga mnixxfa soġġetta għad-dazju *ad valorem* u eżenti mid-dazju speċifiku sakemm jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni imposti minn ċerti Stati Membri fuq l-Iżvizzera. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2424/1999 tal-15 ta' Novembru 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni għal kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' ċanga bla għadam imnixxfa li għaliha hemm proviżjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2249/1999 [4] fetaħ kwota tat-tariffa għall-importazzjoni ta' ċanga mnixxfa bla għadam għal importazzjonijiet mill-Iżvizzera fuq bażi pluriannwali għal volum annwali ta' 700 tunnellata mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

(3) Fit-tielet laqgħa tiegħu li nżammet fi Brussell fl-4 ta' Diċembru 2003 il-Kumitat Konġunt dwar l-Agrikoltura kkonkluda li wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 2/2003 tal-Kumitat Veterinarju Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agrikoli tal-25 ta' Novembru 2003 li jemenda l-Appendiċijiet 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 11 għall-Anness 11 tal-Ftehim [5], u t-tneħħija sussegwenti tal-miżuri restrittivi mill-Istati Membri fuq l-Iżvizzera, il-konċessjonijiet kif stipulati fil-Ftehim għandhom jiġu applikati kemm jista' jkun malajr. Madankollu, b'kunsiderazzjoni għall-bidla fir-regoli tal-oriġini, inħasset il-ħtieġa b'mod konġunt li jitħalla żmien suffiċjenti biex l-operaturi jaġġustaw u jieħdu passi xierqa b'konnessjoni ma' stokkijiet possibbli. Konsegwentement, kien miftiehem li jiġu implimentati l-konċessjonijiet ġodda mill-1 ta' Jannar 2005.

(4) Regoli dettaljati għall-applikazzjoni għandhom, għaldaqstant, jiġu stabbiliti fuq bażi pluriannwali għal kwota tal-importazzjoni bla tariffi ta' kwantità ta' 1 200 tunnellata *per annum* mill-1 ta' Jannar 2005 għal-laħam ta' annimali tal-ifrat, mingħajr għadam, imnixxef, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 0210 20 90 li joriġina fl-Iżvizzera.

(5) Biex ikunu eliġibbli għall-benefiċċju ta' din il-kwota tariffarja, il-prodotti kkonċernati għandhom joriġinaw fl-Iżvizzera b'konformità mar-regoli li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4 tal-Ftehim. Definizzjoni preċiża tal-prodotti eliġibbli għandha tiġi pprovduta. Għal raġunijiet ta' kontroll, importazzjonijiet taħt dik il-kwota għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-awtenticità li jikkonferma li l-laħam jikkorrispondi eżattament mad-definizzjoni eliġibbli. Hu meħtieġ li jiġi stabbilit mudell għal dawk iċ-ċertifikati u li jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-użu tagħhom.

(6) L-arranġamenti għandhom jitmexxew bl-użu ta' liċenzji tal-importazzjoni, Għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar is-sottomissjoni tal- applikazzjonijiet u l-informazzjoni li għandha tingħata dwar applikazzjonijiet u liċenzji, fejn meħtieġ permezz ta' deroga mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ċertifikati li jiffissaw bil-quddiem għal prodotti agrikoli [6] u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1445/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 dwar regoli tal-applikazzjoni għal liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fis-settur taċ-ċanga u tal-vitella u li tirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 2377/80 [7].

---

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

[3] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 352.

[4] ĠU L 294, 16.11.1999, p. 13. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1118/2004 (ĠU L 217, 17.6.2004, p. 10).

[5] ĠU L 23, 28.1.2004, p. 27.

[6] ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 636/2004 (ĠU L 100, 6.4.2004, p. 25).

[7] ĠU L 143, 27.6.1995, p. 35. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1118/2004.

(7) Sabiex tiġi żgurata tmexxija tajba tal-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati, għandhom isiru dispożizzjonijiet biex jinħarġu liċenzji tal-importazzjoni soġġetti għall-verifika, b'mod partikolari ta' informazzjoni mdaħħla fuq ċertifikati tal-awtenticità.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 2424/1999 għandu jiġi rrevokat.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għaċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kwota tariffarja Komunitarja tal-importazzjoni eżenti mid-dazju għal-laħam imnixxef bla għadam tal-annimali tal-ifrat li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 0210 20 90 u li joriġina fl-Iżvizzera hija b'dan miftuħa fuq bażi pluriannwali għal volum annwali ta' 1 200 tunnellata għall-perjodi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru (minn issa 'l quddiem "il-kwota").

In-numru għall-ordni tal-kwota għandu jkun 09.4202.

2. Ir-regoli dwar l-oriġini applikabbli għall-prodotti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawk stipulati fl-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera għall-kummerċ fil-prodotti agrikoli.

3. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "laħam imnixxef bla għadam" għandu jfisser biċċiet tal-laħam mill-koxox ta' annimali tal-ifrat li għandhom mill-anqas 18-il xahar, b'ebda xaħam viżibbli intramuskulari (3 sa 7 %) u pH tal-laħam frisk bejn 5,4 u 6,0; immellaħ, imħawwar, ippressat, imnixxef biss ġol-arja friska niexfa u li qed jiżviluppa tinwir nobbli (blanzun ta' fungi mikroskopiċi). L-użin tal-prodott lest għandu jkun bejn 41 % u 53 % tal-materja prima qabel it-tmelliħ.

Artikolu 2

1. Importazzjonijiet tal-kwantitajiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni, fuq ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, ta' liċenzja tal-importazzjoni.

2. L-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtenticità mħejji b'konformità mal-Artikolu 3 flimkien ma' kopja tiegħu għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti flimkien mal-applikazzjoni għall-ewwel liċenzja tal-importazzjoni relatata maċ-ċertifikat tal- awtenticità.

L-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtenticità għandu jinżamm minn dik l-awtorità.

3. Ċertifikat tal-awtenticità għandu jintuża għall-ħruġ ta' aktar minn liċenzja tal-importazzjoni waħda għal kwantitajiet li ma jaqbżux dik murija fuq iċ-ċertifikat. Fejn tinħareġ aktar minn liċenzja waħda fuq ċertifikat, l-awtorità kompetenti għandha tapprova ċ-ċertifikat tal-awtenticità biex turi l-kwantità attribwita.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu liċenzji tal-importazzjoni biss wara li jkunu sodisfatti li l-informazzjoni fuq iċ-ċertifikat tal-awtenticità tikkorrispondi għal dik riċevuta kull ġimgħa mill-Kummissjoni dwar is-suġġett. Il-liċenzji għandhom jinħarġu minnufih minn dakinhar 'il quddiem.

Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali u fuq applikazzjoni raġunata kif għandu jkun, joħorġu liċenzji tal-importazzjoni fuq il-bażi taċ-ċertifikati rilevanti tal-awtenticità qabel ma tiġi riċevuta l-informazzjoni mill-Kummissjoni. F'tali każijiet, is-sigurtà għal-liċenzji tal-importazzjoni għandha tkun ekwivalenti għall-ammont li jikkorrispondi għad-dazju tad-dwana sħiħ taħt it-tariffa tad-dwana komuni. Wara li jirċievu l-informazzjoni relatata maċ-ċertifikat, l-Istati Membri għandhom ibiddlu din is-sigurtà b'dik li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1445/1995.

5. It-Taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għal liċenzja u tal-liċenzji stess għandhom juru wieħed mill-approvazzjonijiet elenkati fl-Anness I.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati tal-awtenticità li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 għandhom jinħarġu f'oriġinal wieħed u żewġ kopji, li għandhom jiġu stampati u mimlija b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità, b'konformità mal-mudell fl-Anness II. Jista' jiġi wkoll stampat u mimli bil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż esportatur.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni jistgħu jitolbu li tiġi pprovduta traduzzjoni taċ-ċertifikat.

2. Il-formoli taċ-ċertifikat għandhom ikunu ta' 210 × 297 mm. Il-karta użata għandha tiżen mhux anqas minn 40 g/m^2. L-oriġinal għandu jkun abjad, l-ewwel kopja roża u t-tieni kopja safra.

3. L-oriġinal taċ-ċertifikat u l-kopji tiegħu jistgħu jkunu ttajpjati jew miktuba bl-idejn. Fil-każ tal-aħħar, għandhom jimtlew bil-linka sewda u b'ittri kbar.

4. Kull ċertifikat għandu jkollu n-numru individwali tas-serje tiegħu segwit mill-isem tal-pajjiż emittenti.

Il-kopji għandhom juru l-istess numru tas-serje u l-istess isem bħall-oriġinal.

5. Id-definizzjoni ta' laħam imnixxef bla għadam stipulata fl-Artikolu 1(3) għandha tiġi stabbilita biċ-ċar fiċ-ċertifikat.

6. Iċ-ċertifikati jkunu validi biss jekk huma approvati kif suppost minn awtorità emittenti mniżżla fl-Anness III.

Iċ-ċertifikati għandhom jiġu kkunsidrati li ġew approvati kif suppost jekk jiddikjaraw id-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikun fihom it-timbru tal-awtorità emittenti u l-firma tal-persuna jew il-persuni li għandhom l-awtorità li jiffirmawhom.

Artikolu 4

1. L-awtoritajiet emittenti elenkati fl-Anness III għandhom:

(a) ikunu rrikonoxxuti bħala tali mill-pajjiż esportatur ikkonċernat;

(b) jimpenjaw ruħhom li jivverifikaw l-informazzjoni mdaħħla fiċ-ċertifikati;

(c) jimpenjaw ruħhom li jibagħtu lill-Kummissjoni mill-anqas darba fil-ġimgħa kull informazzjoni li tippermetti li l-informazzjoni mdaħħla fiċ-ċertifikati tal-awtenticità, b'mod partikolari n-numru taċ-ċertifikat, l-esportatur, ir-riċevitur, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-prodott, l-użin nett u d-data tal-firma, jiġu vverifikati.

2. Il-lista fl-Anness III tista' tiġi riveduta mill-Kummissjoni fejn il-kundizzjoni meħtieġa li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu ma tkunx għadha tintlaħaq jew fejn l-awtorità emittenti ma tkunx tissodisfa kwalunkwe mill-obbligi li huma responsabbiltà tagħha.

Artikolu 5

Ċertifikati tal-awtenticità u liċenzji tal-importazzjoni jkunu validi għal tliet xhur mid-dati rispettivi tal-ħruġ tagħhom. Madankollu, it-terminu tal-validità tagħhom jagħlaq fil-31 ta' Diċembru wara d-data tal-ħruġ.

Artikolu 6

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u (KE) Nru 1445/95 għandhom japplikaw soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

L-awtoritajiet tal-pajjiżi esportaturi għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kampjuni tat-timbri użati mill-awtoritajiet emittenti tagħhom u l-ismijiet u l-firem tal-persuni li huma awtorizzati li jiffirmaw ċertifikati tal-awtenticità. Kull tibdil sussegwenti ta' timbri jew ismijiet għandu wkoll jiġi notifikat lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Artikolu 8

Ir-Regolament (KE) Nru 2424/1999 huwa rrevokat.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Approvazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(5)

— *bl-Ispanjol:* Carne de vacuno seca deshuesada — Reglamento (CE) nº 2092/2004

— *biċ-Ċek:* Vykostěné sušené hovězí maso — směrnice (ES) č. 2092/2004

— *bid-Daniż:* Tørret udbenet oksekød — forordning (EF) nr. 2092/2004

— *bil-Ġermaniż:* Entbeintes, getrocknetes Rindfleisch — Verordnung (EG) Nr. 2092/2004

— *bl-Estonjan:* Kuivatatud kondita veiseliha — määrus (EÜ) nr 2092/2004

— *bil-Grieg:* Αποξηραμένο βόειο κρέας χωρίς κόκαλα — Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 2092/2004

— *Bl-Ingliż:* Dried boneless beef — Regulation (EC) No 2092/2004

— *Bil-Franċiż:* Viande bovine séchée désossée — Règlement (CE) nº 2092/2004

— *Bit-Taljan:* Carni bovine disossate ed essiccate — regolamento (CE) n. 2092/2004

— *Bil-Latvjan:* Žāvēta atkaulota liellopu gaļa — Regula (EK) Nr. 2092/2004

— *bil-Litwan:* Džiovinta jautiena be kaulų — Reglamentas (EB) Nr. 2092/2004

— *bl-Ungeriż:* Szárított, kicsontozott marhahús — 2092/2004/EK rendelet

— *bl-Olandiż:* Gedroogd rundvlees zonder been — Verordening (EG) nr. 2092/2004

— *bil-Pollakk:* Suszone mięso wołowe bez kości — Rozporządzenie (WE) nr 2092/2004

— *bil-Portugiż:* Carne de bovino seca desossada — Regulamento (CE) n.º 2092/2004

— *bis-Slovakk:* Vykostené, sušené hovädzie mäso — Nariadenie (ES) č. 2092/2004

— *bis-Sloven:* Posušeno goveje meso brez kosti — Uredba (ES) št. 2092/2004

— *bil-Finlandiż:* Kuivattua luutonta naudanlihaa — asetus (EY) N:o 2092/2004

— *bl-Iżvediż:* Torkat benfritt nötkött — förordning (EG) nr 2092/2004

ANNESS II

<table>
<tr><td>1. Kunsinnatur (isem u indirizz kompluti)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT Nru 0000

ORIĠINAL

PAJJIŻ ESPORTATUR:</td></tr>
<tr><td>2. Riċevitur (isem u indirizz kompluti)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT TAL-AWTENTIĊITA

għal esportazzjonijiet lejn il-KE ta' 2019; laħam imnixxef bla għadam tal-annimali tal-ifrat (applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2092/2004))</td></tr>
<tr><td colspan="5">*Noti*

A. Dan iċ-ċertifikat għandu jiġi mħejji f'oriġinal wieħed u żewġ kopji

B. L-oriġinal u ż-żewġ kopji tiegħu għandhom jiġu ttajpjati jew mimlija bl-idejn; fil-każ tal-aħħar għandhom jimtlew b'ittri kbar bil-linka.

C. Ċertifikat tas-Saħħa (Formola M-9303) Nru</td></tr>
<tr><td>3. Marki, numri, numru u natura ta' imballaġġi, deskrizzjoni ta' merkanzija</td><td>4. Nomenklatura kombinata sotto-titolu</td><td>5. Użin gross (kg)</td><td colspan="2">6. Użin nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="5">7. Użin nett (kg) (bil-kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="5">8. Jien, hawn taħt iffirmat ....., f'isem l-awtorità emittenti awtorizzata (kaxxa Nru 9) niċċertifika li l-merkanzija deskritta hawn fuq, tikkorrispondi eżattament mal-oriġini u d-definizzjoni li jinsabu fl-Artikolu1(2) u (3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2092/2004 li jistabbilixxi regoli dettaljati tal-applikazzjoni għal kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' laħam taċ-ċanga mnixxef bla għadam li joriġina fl-Iżvizzera.</td></tr>
<tr><td colspan="2">9. Awtorità emittenti awtorizzata</td><td colspan="3">Post ..... Data .....

(Timbru tal-awtorità emittenti)

(firma)</td></tr>
</table>

ANNESS III

Lista ta' awtoritajiet f'pajjiżi esportaturi awtorizzati biex joħorġu ċertifikati tal-awtentiċità

ŻVIZZERA:

— Office vétérinaire federal/Bundesamt für Veterinärwesen/Ufficio federale di veterinaria